

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka motiv prinċipali wieħed, ibbażat fuq:

- ir-responsabbiltà tal-Unjoni Ewropea għad-deċiżjonijiet illegali tal-Kummissjoni Ewropea li jikkonsistu:

- (a) finterpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2216/2004, tal-21 ta' Diċembru 2004, għal sistema standardizzata u sikura ta' reġistri skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 319M, p. 1);
- (b) fil-ksur tal-Artikolu 20 tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Deciżjona 96/61/KE (ĠU Edizzjoni Specjalibil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 631);
- (c) fil-ksur ta' diversi prinċipji ġenerali tal-liġi (prinċipji ta' proporzjonalità u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, dmir ta' kura, drid għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva fir-rigward ta' drittijiet ta' proprietà), fid-deċiżjoni li ma jkunx żvelat jew li jkun permess l-iżvelar tal-post tal-Kwoti ta' Emissjonijiet Ewropej misruqa fil-qafas tal-Iskema għall-Iskambju ta' Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Lulju 2012 — Spanja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-319/12)

(2012/C 287/60)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrent: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: A. Rubio González)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea (2012) 3025 finali, tat-8 ta' Mejju 2012, dwar l-ġħajnuna mill-Istat SA. 22668 (C 8/2008 — ex NN 4/2008), mogħtija minn Spanja lil "Ciudad de la Luz SA",
- tikkundanna lill-istituzzjoni konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka ħames motivi.

- (1) L-ewwel motiv ibbażat fuq applikazzjoni żbaljata tal-kriterju ta' investitur privat, peress li fl-analiżi tagħha l-Kummissjoni marret lil hinn mill-marġni ta' diskrezzjoni tagħha.
 - (2) It-tieni motiv ibbażat fuq żball fl-evalwazzjoni tal-ġħajnejna mill-Istat, billi ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-azzjonijiet fiż-żona terzjarja tal-kumpless.
 - (3) It-tielet motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, peress li l-Kummissjoni ordnat l-irkupru tal-ġħajnejna mogħtija lill-produtturi tal-films u peress li l-analiżi tagħha ma ssemmi ebda waħda minn din l-allegata għajnejna.
 - (4) Sussidjarjament, żball fl-analiżi tal-kompatibbiltà tal-investiment mal-linji gwida dwar l-ġħajnejna mill-Istat b'għan reġjonali, peress li ma analizzatx jekk l-ġħajnejna li kien għad fadal kinitx tossera l-prinċipju tal-investitur privat.
 - (5) Sussidjarjament, nuqqas ta' motivazzjoni u żball fl-analiżi tal-kompatibbiltà tal-ġħajnejna, fid-dawl tal-leġiżlazzjoni applikabbli għall-ġħajnejna għas-settur awdjobiżiv, peress li ma analizzatx għal liema raġuni l-allegata għajnejna ma kinitx intiżza għal għan kulturali.
-

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Lulju 2012 — Ciudad de la Luz y Sociedad Proyectos Temáticos de la Comunidad Valenciana vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-321/12)

(2012/C 287/61)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Ciudad de la Luz, SA (Alicante, Spanja) u Sociedad Proyectos Temáticos de la Comunidad Valenciana, SA (Alicante) (rappreżentanti: J. Buendía Sierra, N. Ruiz García u J. Belenguer Mula, avukati, u M. Muñoz de Juan, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara ammissibbli u tilqa' l-motivi għal annulament invokati fir-riktor tagħhom;
- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea (2012) 3025 finali, tat-8 ta' Mejju 2012, dwar l-ġħajnuna mill-Istat SA. 22668 (C 8/2008 — ex NN 4/2008), mogħtija minn Spanja lil "Ciudad de la Luz SA", u b'mod partikolari l-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni sa fejn dan jiddikjara li l-investiment f'CDL jinvvoli elementi ta' għajnejna mill-Istat inkompatibbli, u jeżiġi l-irkupru ta' din l-ġħajnejna;